# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 77

16 ta' Mejju 2024

Is-sebgħa u sebgħin (77) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju 2024 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

77.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

77.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

77.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

77.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sitta u sebgħin (76) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

77.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (SSH, JAE, VB, AD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

77.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 76.2.4 rigward l-immaniġġjar tat-traffiku f'Balzunetta u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li ma kienx hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

77.2.3.1. Is-SE qal li hu kien bagħat lil Transport Malta li t-tabelli ta' Triq Sant' Anna kienu saru iżda għad jonqos dawk fi Triq Nazzjonali.

77.2.3.2. Is-Sindku qal li tajjeb li tinġibed l-attenzjoni ta' Transport Malta fuq it-tabelli tal-coaches minħabba li ġieli qegħdin jiġu mdawwrin. Is-SE qal li l-coaches li jkun hemm naqsu.

77.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja numru 76.2.5 rigward id-dawl u r-rifletturi tad-dawl bejn il-Grand Hotel Excelsior u l-Phoenicia Hotel. Is-SE qal li kien reġa' bagħat tfakkira lil TM u lill-IM iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill jistax jindikalhom li s-sitwazzjoni kienet waħda ta' periklu. Is-SE qal li hu kien bagħat ir-ritratti kif ukoll pjanta tas-sit u qal li għandu jieħu ħsieb jerġa' jikkuntattjahom.

77.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 76.2.6 rigward it-tabelli tal-*iscooters* fi Ġnien il-Mall u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li kien reġa' bagħat tfakkira iżda sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta minn Ambjent Malta. Is-SE qal ukoll li kien tkellem ma' xi ħadd f'laqgħa li kellu riċentement u qalulu li għandhom jgħaddu l-messaġġ.

77.2.5.1. Is-SE għamel riferenza għall-binja li hemm maġenb Ġnien il-Mall u qal li kienu informawh li jridu jinqalgħu xi madum minn ħdejn din il-binja biex jgħaddu l-komunikazzjonijiet. Huwa qal li l-Kunsill ser jintalab jibgħat in-no objection tiegħu għal dan.

77.2.5.2. Is-Sindku qal li kien talab li l-pavimentar ta' Ġnien il-Mall jitnaddaf bil-powerwash.

77.2.5.3. Is-Sindku għamel riferenza għall-ilma li kien qed jinżamm fi Ġnien il-Mall u qal li kissru xi taraġ u ser jinbidel. Huwa qal li l-poġġaman ser jiċċaqlaq ukoll u mhux ser jibqa' fin-nofs.

77.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 76.2.9 rigward il-kamera ta' Bieb il-Bombi. IS-SE wieġeb li għandu jibgħat lill-perit.

77.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 76.4.1 rigward id-dog bins fi Sqaq Harper. Is-SE qal li għadhom iridu jiġu ordnati.

77.2.7.1. Is-Sindku talab li jiġi installat bin fit-tarf ta' Ġnien il-Mall. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob dan lill-Cleansing Department.

77.2.7.2. Is-SE ippropona li jsiru xi bins faċċata tal-knisja, madwar il-Fosos. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 17:25 Il-Viċi Sindku AD talab li jkun skużat.**
**17:28 Il-Viċi Sindku AD irritorna għal-laqgħa.**

77.2.7.3. Wara li l-Kunsill iddiskuta diversi nuqqasijiet relatati mas-servizz li qed jiġi mogħti relatat mat-tindif tat-toroq, il-Kunsill qabel li għandha tintalab laqgħa immedjata mal-kuntrattur.

77.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 76.4.2 u staqsa jekk il-Kunsill kellux iktar informazzjoni fuq il-kunċerti li ser jiġu organizzati fuq il-Fosos dak is-Sajf. Is-SE qal li l-kunċerti li kien hemm ibbukkjati għal dan is-Sajf kienu tal-MTA u kienet qed issir komunikazzjoni sew magħhom.

77.2.8.1. Is-SE qal li kien hemm rikjesta mingħand il-Malta Food Festival sabiex il-festival li soltu jsir fil-Biskuttin, isir fuq il-Fosos. Is-SE qal li għandu jiċċirkola d-dati.

77.2.9. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja nru 76.4.7 u staqsiet jekk il-Kunsill kienx ikkomunika rigward it-triq fi Pjazza ES Tonna minn fejn titla' tal-Linja. Is-SE qal li kien tkellem mal-WSC u anke bagħat lill-IM. Il-Kunsilliera JP talbet li tintbagħat tfakkira.

77.3 **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

77.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-attività tad-9 ta' Mejju 2024 u rringrazzja lill-istaff għall-organizzazzjoni.

77.3.1.1. Is-Sindku kompla billi qal li kien sar xi tibdil fil-programm li l-Kunsill ma kellux kontroll fuqu u dan minħabba protokoll relatat maż-żjara tal-President kif ukoll impenji oħra.

77.3.1.2. Il-Kunsilliera SSH tenniet tirringrazzja lill-istaff u l-professjonalità fl-organizzazzjoni. Hija qalet li l-kor li kien hemm kien wieħed eċċezzjonali u għoġob lil kulħadd.

77.3.1.3. Il-Kunsilliera lkoll qablu li l-attività kienet waħda ta' suċċess u organizzata tajjeb.

77.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza dwar l-użu taż-żona tal-Biskuttin fejn qara r-risposta tad-Direttur għall-Gvern Lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb lid-Direttur bir-risposta tal-ittra tal-Avukat.

77.3.3. Is-Sindku ressaq kwotazzjonijiet għall-fustun mad-dawra tal-ġnien. Il-Kunsill qabel li jmur għall-orħos offerta li tammonta għal €980.

77.3.4. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għall-bokka tal-ġibjun li hemm taħt l-iskola biex ikun jista' jsir 3D mapping tal-ġibjun u tax-xelters. Huwa spjega kif dan il-mapping iservi t'esperjenza għal min ma jkunx jista' jinżel iżur ix-xelter. Il-kwotazzjoni tammonta għal €2900 + VAT. Il-Kunsill approva.

77.3.4.1. Il-Kunsillier JAE ġibed l-attenzjoni għall-bokka tax-xelter u qal li għadu mhux sodisfatt biha. Is-SE wieġeb li kien tkellem mal-kuntrattur biex jara kif tista' tingħalaq aħjar.

77.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand eclaslo fejn talbu lill-Kunsill jirrikunsidra l-ispazju ta' parkeġġ riservat mogħti lilhom. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel mal-proposta tagħhom li l-ispazju ta' parkeġġ riservat jiġi rilokat għall-aħħar kaxxa fi Triq Vilhena.

77.3.6. Is-Sindku ressaq abbozz ta' Memorandum Of Understanding dwar il-manutenzjoni tal-Fosos.

77.3.6.1. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti ċans sa nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju sabiex jikkunsidra l-abbozz u jgħaddi l-kummenti tiegħu.

## 77.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

77.4.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet dwar il-Wifi ta' Ġnien Preziosi u staqsiet għalfejn mhux qed jaħdem. Is-SE qal li ser jieħu ħsieb jerġa' jkellem lill-kuntrattur.

77.4.1.1. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-funtana. Is-SE nforma li ladarba jkun sar ix-xogħol neċessarju fuq il-funtana, għandu jibda' jieħu ħsiebha l-kuntrattur il-ġdid tas-soft areas.

77.4.1.2. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-kongi li jinsabu mimlija ħaxix ħażin. Is-SE qal li għandu jiddiskuti din il-materja mal-kuntrattur tal-knis sabiex dawn jibdew jitnaddfu.

77.4.1.3. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li ssir żabra tas-siġar li hemm madwar il-Fosos. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

77.4.2. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-piċċ u qalet li kienet inqalgħet biċċa mill-fence.

77.4.2.1. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-bidla tat-turf.

77.4.2.2. Is-SE qal li l-Perit kien qed jaħdem fuq il-pjanti u l-BOQs sabiex tkun tista' tinħareġ is-sejħa għall-offerti.

77.4.2.3. Is-SE qal li kien tkellem mal-Awtorità tal-Ippjanar u ikkonferma li hemm fondi biżżejjed biex dan isir.

## 77.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

77.5.1. Is-Sindku qal li kien attenda għall-iffirmat tal-MOU mal-Public Works Department fejn id-dipartiment ser ikun qed jagħmel ħafna xogħol f'diversi lokalitajiet. Is-Sindku spjega li l-Kunsill issa jista' jressaq proposti ta' xogħlijiet żgħar lilhom. Il-Kunsilliera SSH semmiet iċ-ċint tal-bandli u l-ħajt ta' ħdejn iċ-ċentru tas-saħħa. Il-Kunsill innota dawn il-proposti u qabel li għandu jressaqhom appena jinfetħu l-applikazzjonijiet.

77.5.2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill bil-fondi li kienu ingħataw mil-LESA sabiex ikunu jistgħu jiġu installati iktar kameras madwar il-lokalità. Il-Kunsill innota dan.

## 77.6 Skeda ta' Pagamenti

77.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 60/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

77.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u ssekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 77.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI RAPPORTI TA' EVALWAZZJONI TAT-TENDERS

77.7.1. Is-Sindku VB ippreżenta rapport mill-Bord tal-Evalwazzjoni rigward l-offerti relatati mal-latrini awtomatiċi. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandha tintgħażel l-orħos offerta li tolqot il-kriterji rikjesti kollha.

77.7.2. Is-Sindku VB rapport mill-Bord tal-Evalwazzjoni rigward l-offerti relatati mal-pedestrianisation ta' Triq l-Isqof Mauro Caruana. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandha tintgħażel l-orħos offerta li tolqot il-kriterji rikjesti kollha.

## 77.8 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

77.8.1. Il-laqgħa intemmet fis-19:10 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024 fit-3.00pm.

**Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024**

| | |
|---|---|
| (iffirmat) | (iffirmat) |
| Vincent Borg | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |